

Dan id-dokument għe magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► B

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' Diċembru 2006

li timplimenta r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-protezzjoni tal-liġijiet tal-konsumatur fir-rigward ta' l-assistenza reċiproka

(notifikat bid-dokument numru C(2006) 6903)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2007/76/KE)

(ĠU L 219M, 24.8.2007, p. 189)

Emendata minn:

Ġurnal Uffiċjali

		Nru	Paġna	Data
► <u>M1</u>	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/282/KE tas-17 ta' Marzu 2008	L 89	26	1.4.2008
► <u>M2</u>	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/141/UE tal-1 ta' Marzu 2011	L 59	63	4.3.2011



DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' Diċembru 2006

li timplimenta r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-protezzjoni tal-liġijiet tal-konsumatur fir-rigward ta' l-assistenza reċiproka

(notifikat bid-dokument numru C(2006) 6903)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2007/76/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġi għall-protezzjoni tal-konsumatur (ir-Regolament dwar il-kooperazzjoni fil-protezzjoni tal-konsumatur⁽¹⁾) u b'mod partikolari l-Artikolu 6(4), Artikolu 7(3), Artikolu 8(7), Artikolu 9(4), Artikolu 10(3), Artikolu 12(6), Artikolu 13(5), u Artikolu 15(6).

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 jstipula l-kondizzjonijiet li huma soġġetti għalihom l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri nominati bħala responsabbli fl-infurzar tal-liġijiet li jiproteġu l-interessi tal-konsumaturi għandhom jikkooperaw sabiex jaċċertaw il-konformità ma' dawn il-liġijiet u l-funzjonament mingħajr tfixkil tas-suq intern sabiex tissaħħaħ il-protezzjoni ta' l-interessi ta' ekonomiċi tal-konsumaturi.
- (2) Jipprovdi għall-istabiliment ta' networks bejn l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri.
- (3) Meħtieġ li jiġu adottati miżuri għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar il-mekkaniżmi u l-kondizzjonijiet li jiggvernaw l-assistenza reċiproka bejn l-awtoritajiet kompetenti u dwar il-pożizzjoni ta' l-uffiċċju uniku ta' kooperazzjoni.
- (4) Xieraq li jiġu stipulati kondizzjonijiet minimi għall-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta f'kull rikjesta ta' assistenza reċiproka sabiex ikun aċċertat li s-sistema topera b'mod effettiv. Ir-regoli għandhom jiġu stipulati dwar il-kontenut tal-formoli standard li bihom isir l-iskambju ta' l-informazzjoni sabiex tiġi aċċertata iktar effiċjenza u faċilità fl-ipproċessar ta' din l-informazzjoni.
- (5) Għandu jkun hemm stabbilit limitu ta' żmien għal kull stadju fil-proċeduri ta' l-assistenza reċiproka sabiex ikun aċċertat li s-sistema topera b'mod effiċenti.
- (6) Ir-regoli għandhom jiġu stipulati dwar in-notifika ta' l-infrazzjonijiet intra-Komunitarji sabiex ikunu jistgħu jittieħdu azzjoniet effettivi u fil-pront kontribom fl-Istati Membri kollha kkonċernati.
- (7) Minħabba li l-informazzjoni pprovduta skond ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tista' ħafna drabi tkun ta' natura sensitiva, meħtieġ li jiġu stipulati regoli xierqa li jagħmlu restrizzjoni fl-aċċess għaliha.

⁽¹⁾ ĠU L 364, 9.12.2004, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bid-Direttiva 2005/29/KE (ĠU L 149, 11.6.2005, p. 22).

▼B

- (8) Għandhom isiru arranġamenti ġenerali xierqa sabiex ikun aċċertat li ma jittellfux il-komunikazzjonijiet minħabba problemi ta' lingwa filwaqt li jkun hemm flessibbiltà fl-indirizzar ta' każijiet speċifiċi.
- (9) Iktar miżuri jistgħu jiġu adottati skond l-esperjenza miksuba fl-operat tan-netwerks tal-kooperazzjoni fl-infurzar ta' l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri.
- (10) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skond l-Artikolu 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Suġġett

Din id-Deċiżjoni tistipula regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004 fir-rigward ta' l-assistenza reċiproka bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-kondizzjonijiet li jiggvernaw din l-assistenza.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin b'żieda ma' dawk stabbiliti fidr-Regolament (KE) 2006/2004:

- (1) “bażi tad-*data*” tfisser il-bażi tad-*data* prevista fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004;
- (2) “twissija” tfisser notifika dwar infrazzjoni intra-Komunitarja skond l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004;
- (3) “trattament kunfidenzjali” tfisser trattament ta' informazzjoni skond il-kondizzjonijiet ta' kunfidenzjalità u tas-segretezza professjonali u kummerċjali kif inhu previst fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004;
- (4) “bażi legali”: tfisser id-dispożizzjoni tal-liġi li tiproteġi l-interessi tal-konsumaturi li huma, jew li huma ssuspettati li huma, is-suġġett ta' infrazzjoni intra-Komunitarja, inkluża indikazzjoni preċiża tad-dispożizzjoni rilevanti tal-liġijiet ta' l-Istati Membri ta' l-awtorità applikanti.

Artikolu 3

Kondizzjonijiet dwar informazzjoni

Ir-regoli dwar l-informazzjoni li għandhom jiġu pprovduti skond ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u dwar il-format ta' din l-informazzjoni huma stipulati fil-Kapitolu 1 ta' l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Skadenza taż-żmien għall-azzjoni

Ir-regoli dwar l-iskadenzi taż-żmien li japplikaw għall-istadji differenti dwar l-assistenza reċiproka skond ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 huma stipulati fil-Kapitolu 2 ta' l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

▼ **B**

Artikolu 5

Twissijiet

Ir-regoli dwar it-twissijiet huma stipulati fil-Kapitolu 3 ta' l-Anness.

Artikolu 6

Aċċess għall-informazzjoni li tpartet

L-aċċess għall-informazzjoni li tpartet skond ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 għandu jkun ristrett skond ir-regoli stipulati fil-Kapitolu 4 ta' l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 7

Lingwi

Ir-regoli dwar il-lingwi li għandhom jintużaw fir-rikjesti u għall-komunikazzjoni ta' l-informazzjoni skond ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 huma stipulati fil-Kapitolu 5 ta' l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

▼ **M1**

Artikolu 7a

Il-koordinazzjoni ta' l-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq u ta' infurzar

Il-prinċipji li jiggvernaw il-koordinazzjoni ta' l-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq u ta' infurzar huma stipulati fil-Kapitolu 6 ta' l-Anness.

▼ **B**

Artikolu 8

Id-data ta' l-applikazzjoni

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mid-29 ta' Diċembru 2006.

Artikolu 9

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.



ANNEX

Regoli li jikkonċernaw l-assistenza reċiproka bejn l-awtoritajiet kompetenti skond il-Kapitoli II u III tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004

1. KAPITOLU 1 – KONDIZZJONIJIET DWAR INFORMAZZJONI

1.1. *Oqsma fl-informazzjoni li għandhom ikunu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti fil-formoli standard tal-bażi tad-data*

L-oqsma li għandhom ikunu disponibbli fil-formoli standard differenti tal-bażi tad-data jistgħu jiġu definiti kif ġej:

- (a) Dettalji ta' l-awtoritajiet u l-uffiċjali li jittrattaw l-infrazzjonijiet intra-Komunitarji
 - (i) l-awtorità kompetenti,
 - (ii) uffiċċju uniku ta' kooperazzjoni,
 - (iii) uffiċjal kompetenti,
- (b) Dettalji dwar il-bejgiegh jew il-fornitur responsabbli għall-infrazzjoni intra-Komunitarja jew infrazzjoni suspetta intra-Komunitarja
 - (i) isem,
 - (ii) ismijiet kummerċjali oħrajn,
 - (iii) isem tal-kumpanija oriġinali, jekk eżistenti,
 - (iv) tip ta' kummerċ,
 - (v) indirizz(i),
 - (vi) E-mail,
 - (vii) numru tat-telefon,
 - (viii) fax,
 - (ix) portal,
 - (x) indirizz IP,
 - (xi) isem(ismijiet) tad-direttur(i) tal-kumpanija, jekk eżistenti.
- (ċ) L-informazzjoni li tirrigwarda l-iskambji ta' informazzjoni mingħajr rikjesti (twissijiet) (Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004)
 - (i) tip ta' infrazzjoni intra-Komunitarja,
 - (ii) stat ta' infrazzjoni intra-Komunitarja (ivverifikata, suspett raġonevoli),
 - (iii) bażi legali,
 - (iv) taqsira fil-qosor,
 - (v) numru stmat ta' konsumaturi li huwa probabbli li ġew ipperikolati u danni finanzjarji stmati,
 - (vi) kull kondizzjoni għat-trattament kunfidenzjali,
 - (vii) dokumenti mehmuża (partikolarment dawk li jirrigwardaw l-istqarrijiet u evidenza oħra),
 - (viii) l-isem tal-prodott jew tas-servizz,
 - (ix) il-kodiċi COICOP, [Classification of Individual Consumption According to Purpose (United Nations statistical methodology, <http://unstats.un.org/unsd/cr/registry/regcst.asp?Cl=5>)]
 - (x) Il-mezz ta' reklamar u ta' bejgħ involut.



▼B

- (d) L-informazzjoni li tirrigwarda r-rikjesti għall-assistenza reċiproka (l-Artikoli 6 u 8 tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004)
- (i) post tal-konsumaturi li jistgħu jiġu pperikolati,
 - (ii) isem tal-prodott jew tas-servizz,
 - (iii) kodiċi COICOP, [Classification of Individual Consumption According to Purpose (United Nations statistical methodology, <http://unstats.un.org/unsd/cr/registry/regcst.asp?Cl=5>)]
 - (iv) bażi legali,
 - (v) mezz ta' reklamar jew ta' bejgħ involut,
 - (vi) tip ta' infrazzjoni intra-Komunitarja,
 - (vii) stat ta' infrazzjoni intra-Komunitarja (ivverfikata, suspett raġonevoli),
 - (viii) numru stmat ta' konsumaturi li huwa probabbli li jiġu pperikolati u danni finanzjarji stmati,
 - (ix) qafas ta' żmien propost għar-rispons,
 - (x) dokumenti mehmuża (partikolarment dawk li jirrigwardaw l-istqarrijiet, u evidenzi oħrajn) u kull kondizzjoni għal trattament kunfidenzjali,
 - (xi) indikazzjoni għall-assistenza rikjesta,
 - (xii) referenza għat-twissija (jekk hija applikabbli),
 - (xiii) lista ta' awtoritajiet rikjesti u Stati Membri kkonċernati,
 - (xiv) rikjesta għal uffiċjal kompetenti biex jipparteċipa fl-investigazzjoni (l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004).
- 1.2. *L-informazzjoni minima li għandha tiġi inkluża fir-rikjesti għall-assistenza reċiproka u t-twissijiet (l-Artikoli 6, 7 u 8 tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004)*
- 1.2.1. Meta tinħareġ rikjesta għall-assistenza reċiproka dwar twissija, l-awtorità kompetenti għandha twassal kull informazzjoni li jkollha li tista tkun ta' użu għall-awtoritajiet kompetenti oħrajn sabiex tiġi indirizzata r-rikjesta b'mod effiċenti u jkun aċċertat segwiment xieraq tat-twissija u jiġi indikat dwar jekk l-informazzjoni pprovduta għandhiex tingħata trattament kunfidenzjali.
- 1.2.2. Meta tintalab l-informazzjoni skond l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004, l-awtorità applikanti għandha ta' l-anqas:
- a) tinforma lill-awtorita rikjesta dwar in-natura ta' l-infrazzjoni intra-Komunitarja suspetta u l-bażi legali tagħha
 - b) tipprovdi biżżejjed elementi għall-identifikazzjoni tal-kondotta u l-prattika li qed tiġi investigata;
 - ċ) tispeċifika l-informazzjoni rikjesta.
- 1.2.3. Meta tinħareġ rikjesta għall-infuzar tal-miżuri skond l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004, l-awtorità applikanti għandha tipprovdi lill-awtorità mitluba ta' l-anqas b'dan li ġej:
- a) identifikazzjoni dwar il-bejjieġh jew il-fornitur li kontrib għew rikjesti l-miżuri;
 - b) dettalji dwar il-kondotta jew il-prattika kkonċernata;
 - ċ) kwalifiki legali ta' l-infrazzjoni intra-Komunitarja skond il-liġi applikabbli, u l-bażi legali tagħha.
 - d) evidenza dwar perikolu għall-interessi kollettivi, inklużi jekk huwa possibbli stima dwar in-numru ta' konsumaturi li jistgħu jiġu pperikolati.

▼B

- 1.3. *Rispons għar-rikjesta ta' assistenza reċiproka*
- 1.3.1. Meta tirrispondi għal rikjesta dwar informazzjoni skond l-artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004, awtorità li tiġi mitluba għal dan għandha twassal kull informazzjoni speċifikata mill-awtorità applikanti li hija meħtieġa biex tistabbilixxi jekk l-infrazzjoni intra-Komunitarja tkunx saret jew jekk ikun hemm suspett raġonevoli li din tista' ssir.
- 1.3.2. Meta ssir risposta għal rikjesta għall-miżuri ta' l-infurzar skond l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004, l-awtorità rikjesta għandha tinforma lill-awtorità applikanti dwar l-azzjonijiet li ttehdhu jew ġew ippjanati u l-poteri eżerċitati fl-indirizzar tar-rikjesta.
- 1.3.3. F'kull każ, l-awtorità rikjesta għandha tindika jekk kull xorta ta' informazzjoni li tressqet għandhiex tingħata trattament kunfidenzjali.
- 1.3.4. Jekk awtorità kompetenti tirrifjuta li tikkonforma ma' rikjesta kif inhu previst fl-Artikolu 15(2), (3) u (4) tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004, din għandha tinkludi fir-rispons tagħha stqarrija tal-kriterji dwar ir-revoka.

▼M1

- 1.3.5. Meta tittieħed miżura ta' infurzar, l-awtorità li tirċievi t-talba għandha tinnotifika, skond l-Artikolu 8(6) tar-Regolament (KE) Nru 2004/2006, il-miżuri meħuda, u l-effett tagħhom fuq il-ksur intrakomunitarju, lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra kollha maħtura mill-Istati Membri bħala l-awtoritajiet responsabbli għall-infurzar tal-leġiżlazzjoni li hija suġġetta għall-ksur.

Hi għandha tipprovdi, flimkien mal-miżuri ta' infurzar meħuda u l-effett tagħhom fuq il-ksur intrakomunitarju, it-tagħrif li ġej:

- (a) id-dettalji ta' l-awtoritajiet kompetenti li jirċievu t-talba u dawk li jagħmlu t-talba;
- (b) l-isem tal-bejgieh jew tal-fornitur;
- (c) l-isem tal-prodott jew tas-servizz;
- (d) il-kodiċi ta' klassifikazzjoni;
- (e) il-mezz ta' reklamar jew ta' bejgħ involut;
- (f) il-bażi legali;
- (g) it-tip ta' infrazzjoni intra-Komunitarja;
- (h) in-numru stmat ta' konsumaturi li jistgħu jiġu pperikolati u d-dannu finanzjarju stmat.

▼B

- 1.4. *Poteri addizzjonali mogħtija lill-awtoritajiet kompetenti skond il-liġi nazzjonali*

L-Istati Membri għandhom jinformat lill-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħrajn, permezz ta' forum ta' diskussjoni li għandu jkun disponibbli fil-bażi tad-*data*, dwar kull investigazzjoni u poteri ta' infurzar addizzjonali mogħtija lill-awtoritajiet kompetenti flimkien ma' dawk li huma stipulati fl-Artikolu 4(6) tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004.

- 1.5. *Ħatra tal-korpi li għandhom interess leġittimu fil-waqfien jew il-projbizzjoni ta' l-infrazzjonijiet intra-Komunitarji skond l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004*

- 1.5.1. Fejn, skond l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004, Stat Membru jikkomunika lill-Kummissjoni u lil Stati Membri oħrajn dwar l-identità ta' korp nominat skond it-tieni sentenza ta' l-Artikolu 4(2) ta' dan ir-Regolament li għandu interess leġittimu fil-waqfien jew fil-projbizzjoni ta' l-infrazzjonijiet intra-Komunitarji, din għandha tispeċifika l-poteri investigattivi u infurzanti mogħtija lil dan il-korp.

▼ B

1.5.2. L-awtorità rikjesta li hija intenzjonata, skond l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004, li tagħti struzzjonijiet lil korp li għandu interess leġittimu li jwaqqaf jew jipprojbixxi l-infrazzjonijiet intra-Komunitarji, għandha ttiprovdi lill-awtorità applikanti b'informazzjoni suffiċenti dwar dan il-korp sabiex tagħti s-setgħa lill-awtorità applikanti li tistabilixxi l-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 8(4) jiġu rispettati. Din għandha wkoll tikseb il-kunsens minn qabel ta' l-awtorità applikanti fir-rigward ta' l-istruzzjoni ta' dak il-korp, u tispeċifika n-natura u d-dettalji ta' l-infomazzjoni kkomunikata mill-awtorità applikanti li l-awtorità rikjesta tista' tagħti lil dak il-korp.

2. KAPITOLU 2 – SKADENZA TA' ŻMIEN

2.1. *Rikjesti għall-assistenza reċiproka u tweġibiet*

2.1.1. L-awtoritajiet rikjesti għandhom jirrispondu lir-rikjesti ta' assistenza reċiproka mill-awtoritajiet applikanti bl-aħjar mod possibbli skond l-abbiltà tagħhom, billi jagħmlu użu tal-poteri infurzanti u mingħajr dewmien.

2.1.2. L-iskadenza taż-żmien għall-indirizzar tar-rikjesti għall-assistenza reċiproka skond l-Artikoli 6 u 8 tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004 għandhom isiru bi qbil bejn l-awtorità applikanti u l-awtorità rikjesta fuq bażi ta' skond kif inhu l-każ permezz tal-formoli standard tal-bażi tad-*data*.

▼ M2

2.1.3. Jekk ebda ftehim ma jista' jintlaħaq, l-awtorità rikjesta għandha toħroġ tweġiba fejn tagħti kull informazzjoni rilevanti li jkollha u tindika l-azzjonijiet ta' investigazzjoni u ta' infurzar li ttieħdu jew li huma ppjanati (inklużi skadenzi taż-żmien) sa mhux iktar tard minn erbatax-il ġurnata wara d-*data* tal-wasla ta' rikjesta permezz tal-uffiċċju uniku ta' kollegament tagħha. L-awtorità rikjesta għandha taġġorna lill-awtorità applikanti dwar dawn l-azzjonijiet fuq bażi regolari kif hu xieraq, iżda tal-anqas kull tliet xhur sakemm:

- (a) kwalunkwe informazzjoni rilevanti meħtieġa biex tistabilixxi jekk tkunx saret infrazzjoni intra-Komunitarja, jew biex tistabilixxi jekk ikunx hemm suspett raġonevoli li dan jista' jsir, tkun intbagħtet lill-awtorità applikanti jew
- (b) jekk tkun waqfet l-infrazzjoni intra-Komunitarja jew ir-rikjesta tkun irriżultat infondata.

▼ B

2.1.4. L-uffiċċju uniku ta' kooperazzjoni għall-awtorità rikjesta għandha tressaq kull rikjesta li tirċievi permezz ta' l-uffiċċju uniku ta' kooperazzjoni għall-awtorità applikanti lill-awtorità kompetenti xierqa meta dan ikun teknikament possibbli u għal kull każ sa mhux iktar tard minn jumejn ta' xogħol wara d-*data* ta' twassil tar-rikjesta.

▼ M1

2.1.5. L-awtorità li tirċievi t-talba għandha titlob lill-Kummissjoni biex tneħħi t-tagħrif mid-database malli dan ikun teknikament possibbli u f'kull każ, sa mhux iktar tard minn sebat ijiem mill-għeluq tal-każ jekk tiġi wara talba skond l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 2004/2006:

▼ B

- (a) l-informazzjoni ta' skambju ma tiġġenera ebda twissija jew rikjesta skond l-Artikolu 8, jew
- (b) ikun stabbilit li ebda infrazzjoni intra-Komunitarja ma tkun saret.

▼ M2

Awtorità kompetenti għandha, eżatt kif tiskopri li rikjesta għal assistenza reċiproka skont l-Artikoli 6, 7 u 8 tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004 fiha dejta żbaljata li ma tkunx tista' titranġa permezz ta' metodi oħra, titlob lill-Kummissjoni biex tneħħi l-informazzjoni mill-bażi tad-dejta eżatt kif dan ikun teknikament possibbli u, f'kwalunkwe każ, mhux aktar tard minn sebat ijiem wara li tkun irċeviet ir-rikjesta għat-tħassir.

▼ M2

L-informazzjoni kollha oħra relatata mar-rikjesta għall-assistenza reċiproka skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004 għandha titneħħa mil-bażi tad-dejta ħames snin wara l-għeluq tal-każ.

▼ M1

2.1.6. L-awtorità li tirċievi t-talba għandha tinnotifika lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra kkonċernati dwar il-miżuri ta' infurzar meħuda skond l-Artikolu 8(6) tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004 malli dan ikun teknikament possibbli u f'kull każ sa mhux aktar tard minn sebat ijiem wara li jkunu ttieħdu l-miżuri.

▼ B2.2. *Twissijiet*

2.2.1. Awtorità kompetenti għandha toħroġ bi twissija meta dan ikun teknikament possibbli u f'kull każ mhux iktar tard minn sebat ijiem wara li ssir konxja ta' infrazzjoni intra-Komunitarja, jew li kollha suspett raġonevoli li tali infrazzjoni tkun tista' ssir.

2.2.2. L-awtorità kompetenti għandha, meta t-twissijiet jirriżultaw infondati, tirtiraha meta dan ikun teknikament possibbli, u f'kull każ fi żmien sebat ijiem. Il-Kummissjoni għandha tneħħi kull informazzjoni fir-rigward ta' twissijiet li jirriżultaw infondati u li huma mażżuna fil-bażi tad-*data* meta dan ikun teknikament possibbli u għal kull każ sa mhux iktar tard minn sebat ijiem mill-irtirar tat-twissija mill-awtorità kompetenti.

▼ M2

Twissijiet fondati għandhom jitneħħew mil-bażi tad-dejta ħames snin wara li jinħarġu.

▼ B3. KAPITOLU 3 – ► **M1** TWISSIJET ◀

► **M1** 3.1. ◀ L-awtorità kompetenti li toħroġ bi twissija għandha tittrażmettiha, pemezz tal-formoli standard xierqa tal-bażi tad-*data*, lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri l-oħrajn għall-infurzar tal-leġislazzjoni skond kif tkun saret it-twissija. L-awtorità kompetenti notifikanti għandha jkollha r-responsabbiltà ewlenija li tgħarraf liema mill-Istati Membri l-oħrajn jirċievu t-twissija.

▼ M1

3.2. Meta awtorità kompetenti tiegħu miżuri ta' infurzar marbuta ma' twissija, hi għandha, skond l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 2004/2006, tinnotifika dawn il-miżuri lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra kollha maħtura mill-Istati Membri bħala l-awtoritajiet responsabbli għall-infurzar tal-leġislazzjoni li hija suġġetta għall-ksur.

Hi għandha tipprovdi, flimkien mal-miżuri ta' infurzar meħuda, it-tagħrif li ġej:

- (a) id-dettalji ta' l-awtorità kompetenti li tkun ħadet il-miżuri;
- (b) l-isem tal-bejjiegħ jew tal-fornitur;
- (c) l-isem tal-prodott jew tas-servizz;
- (d) il-kodiċi ta' klassifikazzjoni;
- (e) il-mezz ta' reklamar jew ta' bejgħ involut;
- (f) il-bażi legali;
- (g) it-tip ta' infrazzjoni intra-Komunitarja;
- (h) in-numru stmat ta' konsumaturi li jistgħu jiġu pperikolati u d-dannu finanzjarju stmat.

▼ M1

- 3.3. Meta awtorità kompetenti tirċievi talba għal assistenza reċiproka marbuta ma' twissija, hi għandha tinnotifika t-talba, filwaqt li tidentifika t-tip ta' talba, lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra kollha maħtura mill-Istati Membri bħala l-awtoritajiet responsabbli għall-infurzar tal-leġiżlazzjoni li hija suġġetta għall-ksur.

Hi għandha tipprovdi flimkien mat-talba li rċeviet, it-tagħrif li ġej:

- (a) id-dettalji ta' l-awtorità kompetenti li titlob assistenza reċiproka;
- (b) l-isem tal-bejjiegħ jew tal-fornitur, jekk disponibbli;
- (c) l-isem tal-prodott jew tas-servizz;
- (d) il-kodiċi ta' klassifikazzjoni;
- (e) il-mezz ta' reklamar jew ta' bejgħ involut;
- (f) il-bażi legali;
- (g) it-tip ta' infrazzjoni intra-Komunitarja;
- (h) in-numru stmat ta' konsumaturi li jistgħu jiġu pperikolati u d-dannu finanzjarju stmat.

▼ M2

4. KAPITOLU 4 – AĊĊESS GĦALL-INFORMAZZJONI SKAMBJATA U L-ĦARSIEN TAD-DEJTA

▼ B

- 4.1. *L-awtoritajiet kompetenti*

L-awtorità kompetenti għandha tkun fis-setgħa li taċċessja u tikkonsulta biss l-informazzjoni fil-bażi tad-*data* li tirrigwarda l-liġijiet għall-protezzjoni tal-konsumaturi li għalihom għandha jkollha responsabbiltajiet diretti l-infurzar skond in-nominazzjonijiet trażmessi mill-Istat Membru skond l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004.

- 4.2. *Uffiċċji uniċi ta' kooperazzjoni*

Fit-tweġiq tax-xogħlijiet tagħhom ta' koordinazzjoni kif definiti b'mod partikolari fl-Artikolu 9(2) u l-Artikolu 12(2) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004, l-uffiċċji uniċi ta' kooperazzjoni għandhom ikunu jistgħu jaċċessjaw l-informazzjoni li hija relatata ma' rikjesti ta' assistenza konġunta li ma nġhatatx trattament kunfidenzjali.

▼ M2

- 4.3. *L-aċċess tal-Kummissjoni għad-dejta*

L-aċċess tal-Kummissjoni għad-dejta għandu jkun limitat għal dak li hu rekwiżit skont ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004. Dan jinkludi l-aċċess għall-avviżi skont l-Artikolu 7(1), għan-notifikazzjonijiet skont l-Artikolu 7(2) u l-Artikolu 8(6), u għall-informazzjoni relatata mal-koordinazzjoni tas-sorveljanza tas-suq u l-attivitajiet tar-rinfurzar skont l-Artikolu 9 u skont il-kondizzjonijiet tal-Artikolu 15(5) tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004.

- 4.4. *Dejta sensittiva*

L-ipproċessar minn awtoritajiet kompetenti ta' dejta personali marbuta ma' razza, etniċità, opinjonijiet politiċi, reliġjon, sħubija fi trade-union, saħħa jew mal-ħajja sesswali għandu jkun ipprojbit, sakemm it-tweġiq tal-obbligi skont ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 ma jkunx possibbli mod ieħor u l-ipproċessar ta' dan it-tip ta' dejta huwa permess skont id-Direttiva 95/46/KE.

L-użu minn awtoritajiet kompetenti ta' dejta personali marbuta ma' offiżi, offiżi suspetti u miżuri ta' sigurtà għandhom ikunu limitati għal skopijiet speċifiċi ta' assistenza reċiproka kif iddefinit fir-Regolament (KE) Nru 2006/2004.

▼B

5. KAPITOLU 5 – LINGWI LI GĦANDHOM JINTUŻAW GHARRIKJESTI TA' L-ASSISTENZA KONĠUNTA U GĦALL-KOMUNIKAZZJONI TA' L-INFORMAZZJONI

- 5.1. Il-ftehim dwar l-użu tal-lingwi għar-rikjesti u għall-komunikazzjoni ta' l-informazzjoni li sar bejn l-awtoritajiet kompetenti skond l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 12(4) tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004 għandu jiġi rreġistrazzjonat f'tabella li għandha tkun disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti permezz tal-bażi tad-*data*.
- 5.2. Dak il-ftehim għandu jinkludi klawżola li tippermetti lill-awtorità kompetenti li tipproponi l-użu għal każ speċifiku ta' lingwa oħra bil-ħsieb tal-kompetenzi lingwistiċi ta' l-uffiċjal kompetenti kkonċernat.
- 5.3. Il-formoli standard tal-bażi tad-*data* jinkludu tip ta' *data* li tippemmetti lill-awtorità kompetenti li tipproponi lil awtorità oħra l-użu ta' lingwa oħra.

Jekk ma jintlaħaq ebda ftehim, it-tieni sentenza ta' l-Artikolu 12(4) tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004 għandha tapplika.

▼M2

6. IL-KAPITOLU 6 – IL-KOORDINAZZJONI TA' ATTIVITAJIET TAS-SORVELJANZA TAS-SUQ U TAL-INFURZAR

- 6.1. Meta jiġi applikat l-Artikolu 9(2) tar-regolament (KE) Nru 2006/2004, l-awtoritajiet li qablu biex jikkordinaw l-attivitajiet ta' infurzar tagħhom jistgħu jiddeċiedu dwar il-passi neċessarji kollha biex tkun żgurata l-koordinazzjoni adegwata u għandhom iwettquhom mill-aħjar li jistgħu.
- 6.2. Awtorità kompetenti tista' tirrifjuta li taċċetta stedina biex tipparteċipa f'attivitajiet ikoordinati ta' infurzar, wara konsultazzjoni mal-awtorità li tistieden jekk:
- (a) ikunu diġà nbdew proċeduri ġudizzjarji jew is-sentenza finali tkun diġà nġatat fir-rigward tal-istess ksur intra-Komunitarju u kontra l-istess bejjiegħa jew fornituri quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji fl-Istat Membru tal-awtorità mitluba jew dik applikanti;
- (b) fl-opinjoni tagħha, wara investigazzjoni xierqa, ma tkunx ikkonċernata mill-ksur intra-Komunitarju;

Jekk awtorità kompetenti tiddeċiedi li tirrifjuta stedina biex tipparteċipa f'attivitajiet ikoordinati ta' infurzar għandha tiddikjara r-raġunijiet tad-deċiżjoni tagħha.

Dan il-punt għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikoli 6 u 8 tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004.

- 6.3. Sabiex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont l-Artikoli 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004, l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati jistgħu jiddeċiedu li waħda minnhom tikkoordina l-azzjoni ta' infurzar. L-awtoritajiet kompetenti, filwaqt li jqisu l-karatteristiċi speċifiċi ta' kull każ, normalment għandhom jaħtru bħala awtorità ta' koordinazzjoni l-awtorità ta' fejn il-kummerċjant ikollu l-kwartieri tiegħu jew iċ-ċentru prinċipali tal-attivitajiet tiegħu, jew fejn jinsab l-akbar numru ta' konsumaturi affettwati.
- 6.4. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-koordinazzjoni tal-attivitajiet skont l-Artikoli 9(1) u 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004 jekk tkun mistiedna.
- 6.5. L-awtorità kompetenti nnominata bħala l-awtorità li tikkoordina skont 6.3. għandha tal-anqas tkun responsabbli għal dan li ġej:
- (a) tamministra l-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet li jipparteċipaw fl-attivitajiet ikoordinati permezz ta' metodi xierqa,
- (b) tabbozza rapport qasir ta' sommarju fl-aħħar tal-attività kkoordinata meta jkun xieraq,

▼ M2

(c) tagħlaq l-attività kkoordinata ta' infurzar fil-bażi tad-dejta eżatt kif ikun teknikament possibbli u f'kwalunkwe każ f'temp ta' sebat ijiem wara l-aħħar talba għal assistenza reċiproka maħruġa bejn żewġ awtoritajiet kompetenti li jipparteċipaw f'attivitajiet ikkoordinati ta' infurzar tkun magħluqa mill-awtorità applikanti kkonċernata.

l-obbligi tal-awtorità li tikkoordina ma għandhomx jaffettwaw ir-reqwiziti ta' informazzjoni li huma responsabbli għalihom l-awtoritajiet kompetenti l-oħra li jipparteċipaw skont ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u r-regolamenti implimentati tiegħu.

6.6. Barra mir-reqwiziti tal-informazzjoni għall-assistenza reċiproka skont l-Artikoli 6, 7 u 8 tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004, meta awtorità kompetenti tiddeċiedi li tistieden awtoritajiet oħrajn biex jikkoordinaw l-attivitajiet ta' infurzar, għandha ttiprovdi tal-anqas l-informazzjoni li ġejja:

- (a) id-dettalji tal-awtorità kompetenti li tistieden biex tikkoordina l-attivitajiet ta' infurzar,
- (b) l-isem tal-bejjieġh jew tal-fornitur,
- (c) l-isem tal-prodott jew tas-servizz,
- (d) il-kodiċi ta' klassifikazzjoni,
- (e) il-mezz ta' reklamar jew ta' bejgħ involut,
- (f) il-bażi legali,
- (g) sommarju qasir tal-ksur,
- (h) sommarju tal-għanijiet tal-attivitajiet ikkoordinati